Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)

**Appell Numru: 104/2017**

Il-Pulizija

(Spettur Kurt Zahra)

(Spettur Christabelle Chetcuti)

(Spettur Elton Taliana)

vs

**Carmelo Ciranna**

imwieled l-Italja, fl-14 ta’ Marzu, 1975, detentur tal-karta ta’ l-identita’

bin-numru 44398(A).

Illum, 11 ta' Lulju, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Carmelo Ciranna quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli f'dawn il-gzejjer, bejn ix-xhur ta' Dicembru 2016 u Jannar 2017, b'diversi atti maghmulin, ukoll fi zminijiet differenti, u li jiksru d-disposizzjonijiet tal-ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Talli nhar l-25 ta` Dicembru, 2016, bejn l-10:30 u l-17:30 gewwa Triq Notabile, Birkirkara, ikkommetta serq ta` gojjelli li jammontaw ghal €5930, seba` arloggi ta` l-idejn li valur taghhom jammonta ghal €1239, u €50 fi flus kontanti, ghad-dannu ta' Kenneth Cassar detentur ta' karta tal-identita` bin-numru 763553(M), Anna Marie detentrici ta` karta tal-identita` bin-numru 734858(M), Francesca Cassar detentrici tal-karta tal-identita` 386182(M) u Robert Cassar detentur ta` karta tal-identita' 332587(M), liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jiskorri l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (€2,329.37), u bil-lok;

2. Talli fl-istess data, hin u lok volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix l-ammont ta` elfejn u hames mitt euro (€2500), izda tiskorri l- mitejn u hamsin ewro (€250), liema hsara saret ghad-dannu ta` Kenneth Cassar detentur ta' karta tal-identita` bin-numru 763553(M) u/jew ta` xi persuna/i w/jew ta` xi entita` u/jew entitajiet ohra;

3. Talli nhar id-09 ta' Jannar 2017, bejn id-09:15 u l-10:45 gewwa Procyon, Triq in-Nutar Zarb, Attard, ikkommetta serq ta' gojjelli ghad- dannu ta' Fiona June Casha detentrici ta' karta ta' l-identita bin-numru 411542M u Lyudmila Zhelyazkova Sanchanin detentrici ta' karta ta' l-identita bin-numru 68011A, liema serq huwa aggravat bil- mezz, bil-valur li jiskorri l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (€2,329.37), u bil-lok;

4. Talli fl-istess data, hin u lok volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix l-ammont ta` elfejn u hames mitt ewro (€2500), izda tiskorri l-mitejn u hamsin ewro (€250), liema hsara saret ghad-dannu ta` Fiona June Casha detentrici ta' karta ta' l-identita bin-numru 411542(M) u/jew ta` xi persuna/i w/jew ta` xi entita` u/jew entitajiet ohra;

5. Talli nhar it-28 ta’ Dicembru 2016, bejn is-14:00 u l-16:00 gewwa 5, Triq il-Katakombi, Marsaskala, ikkommetta serq ta’ gojjelli li jammontaw ghal madwar €1,700, basket li l-valur tieghu jammonta ghal €280, flus kontanti svizzeri li jammontaw ghal 300 frank svizzeru, u ‘camera’ tar-ritratti tad-ditta Canon b`valur ta` madwar €1000 ghad-dannu ta’ Pia Constance Hawkins detentrici ta` passaport Ingliz b`numru 515750380 u Kieth Ronald William Hawkins detentur ta` passaport Ingliz b`numru 533341275, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jiskorri l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u bil-lok;

6. Talli fl-istess data, hin u lok volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix l-ammont ta` elfejn u hames mitt ewro (€2500), izda tiskorri l-mitejn u hamsin ewro (€250), liema hsara saret ghad-dannu ta` Fiona June Casha detentrici ta’ karta ta’ l-identita bin-numru 411542(M) u/jew ta` xi persuna/i w/jew ta` xi entita` u/jew entitajiet ohra;

7. Talli bejn it-28 ta` Dicembru, 2016 u it-2 ta` Jannar, 2017 f`xi hin gewwa 15, Triq Has- Sajjied, Zabbar, ikkommetta serq ta’ €500 fi flus kontanti, ‘television’ tad-ditta Samsung b`valur ta` €600 u arlogg tad- ditta Brietling b`valur ta` €6000 ghad-dannu ta` Mark Attard detentur ta` karta tal-identita` b`numru 432675(M), liema serq huwa aggravat bil-valur li jiskorri l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (€2,329.37), bil-lok, u bil- hin;

8. Talli nhar il-11 ta` Jannar, 2017 bejn 14:30 u 17:20 gewwa Interlace, Blk A, Triq Il-Grigal, Marsaskala, ikkommetta serq ta` gojjelli b` valur ta' €1200 , ghad-dannu ta` Maria Assunta Cachia detentrici ta` karta tal-identita` b`numru 784549(M), liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li ma jiskorrix l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (€2,329.37), bil-lok;

9. Talli fl-istess data, hin u lok volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix l-ammont ta` mitejn u hamsin ewro (€250), li saret ghad-dannu ta` Maria Assunta Cachia detentrici ta` karta tal-identita` b`numru 784549(M) u/jew ta` xi persuna/i w/jew ta` xi entita` u/jew entitajiet ohra;

10. Talli nhar it-08 ta` Jannar, 2017 bejn l-11:00 u 17:00 gewwa 594, Petikka, Triq il-

Qaliet, Marsaskala, ikkommetta serq ta` gojjelli b`valur ta` €600, 'Video Camera' tad-ditta Sanyo b`valur ta` €350, laptop tad- ditta 'Acer' b`valur ta` €539, u laptop tad-ditta HP b`valur ta` €450 ghad-dannu ta` Joseph Farrugia detentur ta` karta tal-identita` b`numru 631644(M), liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li ma jiskorrix l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (€2,329.37), bil-lok;

11. Talli fl-istess data, hin u lok volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix l-ammont ta` mitejn u hamsin ewro (€250), li saret ghad-dannu ta` Joseph Farrugia detentur ta` karta tal-identita` b`numru 631644(M) u/jew ta` xi persuna/i w/jew ta` xi entita` u/jew entitajiet ohra;

12. Talli nhar it-03 ta` Jannar 2017 bejn it-08:00 u 22:30 gewwa 3, Villa Siberia, Triq Is-Sajjieda, Marsaskala, ikkommetta serq ta` ornamenti ta` kulur ir-ramm, gojjelli, camera tar-ritratti li valur taghhom mhux maghruf u flus kontanti ghad-dannu ta` Doreen Grima detentrici ta` karta tal-identita` b`numru 213265(M), liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jiskorri l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (€2,329.37), bil-lok;

13. Talli fl-istess data, hin u lok volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix l-ammont ta` mitejn u hamsin ewro (€250), li saret ghad-dannu ta` Doreen Grima detentrici ta` karta tal-identita` b`numru 213265(M) u/jew ta` xi persuna/i w/jew ta` xi entita` u/jew entitajiet ohra;

14. Talli nhar il-5 ta' Jannar, 2017bejn il-11:15 u 12:30 gewwa 9, Il-Qiegha, Triq Latmija, Zabbar, ikkometta serq ta' gojjelli b'valur ta' €5500, arlog tad-ditta Rolex li l-valur tieghu mhux maghruf gghad-dannu ta'; Valerie Anne Pulis detentrici ta' karta tal-identita' b'numru 912847(M), liema serq hu aggravat bil-valur li jiskorri l-ammont ta' elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centesimu (€2,329.37) u bil-lok;

15. Talli nhar l-24 ta` Dicembru, 2016 ghal habta tal-5:00 ta` filghodu minn Mike`s Service Station li tinsab fi Triq San Bastjan, Qormi, ikkometta serq ta` zewg batteriji ta` vettura b`valur ta` €500, ghad-dannu ta` Emanuel Scicluna detentur ta` karta tal-identita` b`numru 175673(M) u/jew ta` xi persuna/i u/jew ta` xi entita` u/jew entitajiet ohra;

16. Talli ikkometta diversi reati u b’hekk kiser il-provedimenti ta’ l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta b’zewg sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

17. Talli xjentement laqa’ ghandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, jew, xjentement, b’kull mod indahal biex ibieghhom jew imexxihom, u dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

18. Talli l-imputat sar recediv ai termini tal-artikoli 49,50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li kien misjub hati ta’ diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-1 ta’ Marzu, 2017 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 49, 50, 261(b)(c)(e)(f), 263, 269, 270, 279(b), 289, 325(1)(b)(c), 334 u 533 Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta u l-artikolu 7 Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ikkundannatu piena komplessiva ta’ seba’ (7) snin prigunerija.

Il-Qorti rrakomandat lid-Direttur tal-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin biex il-hati jinghata l-ghajnuna kollha u t-trattament mehtieg.

Inoltre, wara li rat l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali u ordnat lill-hati jhallas is-somma ta' elf mitejn u disa’ u tletin euro u sebgha u erbghin il-centesimu (€1239.47) spejjez inkorsi f'din il-kawza.

Il-Qorti ordnat li minhabba li l-imputat huwa ta’ theddida ghal ordni pubbliku ta’ pajjizna, meta jiskonta s-sentenza jkun ripatrijat f’pajjizu u dan skont kif jipprovdi Artikolu 5(2)(a)(d) tal-Kapitolu 217 l-Att dwar l-Immigrazzjoni tal-Ligijiet ta’ Malta.

Finalment, il-Qorti ordnat li ai termini ta’ l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-atti kollha ta’ dawn il-proceduri u kopja ta’ din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien sitt ijiem tax-xoghol.

Rat ir-rikors tal-appellant Carmelo Ciranna pprezentat fl-10 ta' Marzu, 2017 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tvarja u tibdel is-sentenza appellata billi:

a) Thassaraha in kwantu s-sejbien ta' htija tas-sitt imputazzjoni stante li hija mputazzjoni doppja tal-imputazzjoni numru 4; u
b) Thassaraha in kwantu s-sejbien ta' htija a tenur tal-imputazzjoni numru 17 stante li hija alternattiva ghall-imputazzjonijiet kollha tas-serq; u
c) Tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellanti hati tal-kumplament tal-imputzzjonijiet migjuba kontra tieghu; u
d) Tvarja l-piena hekk kif inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti ghall-piena aktar ekwa u gusta; u
e) Thassar l-ordni tar-ripatrijazzjoni.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

**A. <u>Dwar ir-Raba' u s-Sitt imputazzjoni</u>**

Kemm ir-raba' kif ukoll is-sitt imputazzjoni migjuba kontra l-esponenti jittrattaw mieghu t-tnejn li huma, li:

**"volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix l-ammont ta' elfejn u hames mitt ewro (€2500), izda tiskorri l-mitejn u hamsin ewro (€250), liema hsara saret ghad-dannu ta' Fiona June Casha detentrici ta' karta tal-identita bin-numru 411542(M)."**

L-artikolu 527 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula li:

**"Wara sentenza li f'kawża tillibera imputat jew akkużat, dan ma jistax għall-istess fatt ikun suġġett għal kawża oħra."**

F'dan ir-rigward l-esponenti jaghmel referenza ghal dak li jghallem Profs. Mamo fil-ktieb tieghu 'Notes on Criminal Law Volume 1' dwar il-kuncett ta' ne bis in idem. Mamo jghallem:

**"What is particularly essential is to have a notion of what the law means by the same fact. In "Rex vs. Agata Mifsud et" (15/5/1918) Law Reports, Vol. XXIII, p. 1, p. 1077, H.M.'s Criminal Court said: "Per giudicare se si tratti di fatti identici u diversi, bisogna esaminare se il corpo del delitto rimanga lo stesso, pur cambiandosene la qualificazione, o in altri termini, se la materialita' del fatto rimane inalterata malgrado la diversa qualificazione legale che gli venga attribuita". In other words, if the fact on which the subsequent charge is made is the same as that in respect of which the previous judgment was given, the plea lies notwithstanding that the subsequent charge is an offence different from that charge in the previous trial".**

Il-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Nicolai (Nicolai-Christian) Magrin'[1] ghamlet analizi ta' dan il-principju kif jinsab imhaddan fil-ligi taghna kemm penali kif ukoll kostituzzjonali. F'din is-sentenza, il-Qorti qalet is-segwenti:

**"Illi huwa wkoll stabilit li l-principju tan-*ne bis in idem* imhares fl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jimplika li persuna li tkun ghaddiet minn process dwar reat, m'ghandha qatt terga' tghaddi minn process iehor dwar tali reat jew dwar reati ohra li setghet tinstab hatja dwarhom fl-ewwel process."**

Ghaldaqstant, *multo magis*, l-esponenti jikkontendi illi galadarba s-sistema guridika taghna thaddan il-principju ta' '*ne bis in idem*', wisq anqas jista` huwa stess jigi misjub hati darbtejn tal-istess imputazzjoni, fl-istess proceduri!

## B. <u>Dwar ir-Reati Alternattivi ta' Serq u Ricettazzjoni</u>

Qieghed jigi sottomess bir-rispett li l-ewwel Qorti sabet lill-appellant hati kemm tal-akkuzi kollha ta' serq, [ossia l-imputazzjonijiet numerati: 1, 3, 5, 7, 8, 10, 12, 14, 15], kif ukoll tal-isbatax imputazzjoni [numru 17], cioe` dik ta' ricetazzjoni.

---

[1] Deciza nhar is-26 ta' Marzu, 2009 per Onor. Imhallef J. R. Micallef

Huwa ovvju u palesi li dawn iz-zewg akkuzi nghataw b'mod alternattiv u mhux kumulattiv ghax reat wiehed jeskludi lill-iehor meta si tratta tal-istess *res furtiva*, bhal ma huwa l-kaz odjern.

Ghaldaqstant, anke jekk fil-kaz *de quo* l-esponenti ammetta ghall-imputazzjonijiet kollha hekk kif migjuba kontra tieghu, l-Ewwel Qorti kellha l-obbligu legali li tevalwa tali ammissjoni[2] fid-dawl tal-imputazzjonijiet hekk kif migjuba kontra l-appellant u sussegwentament tastjeni milli tiehu konjizzjoni aktar tal-imputazzjoni numru 17 stante li tali imputazzjoni hija alternattiva ghar-reat ta' serq.

Din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Eusebio Busuttil u Rodney Vella"[3] , iddecidiet li:

**"Illi ghar-ragunijiet fuq esposti fil-kaz ta' Busuttil huwa ovvju li t-tiena akkuza ta' ricettazzjoni nghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza ta' serq u ghalhekk la lill-Ewwel Qorti rrizultatilha l-akkuza ta' serq, proprjament kellha tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-imputazzjoni alternattiva w mhux taghmel kif ghamlet u ssibu hati taz-zewg akkuzi. Ghalhekk dan l-aggravju hu gustifikat u qed jigi milqugh."**

Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost kollu, l-esponenti jsostni illi ghalkemm huwa ammetta ghall-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontra tieghu u kien car illi l-imputazzjoni ta' ricetazzjoni kienet wahda alternattiva ghar-reat ta' serq, l-ewwel Qorti kellha tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-imputazzjoni numru 17 u ma ssibux hati taghha u mhux tqisa bhala imputazzjoni ohra sabiex izzid il-piena fuqu nflitta.

## C. <u>Dwar il-kalibrar tal-piena</u>

### ***<u>c.1 Principji generali</u>***

---

[2] Vide, passim "il-Pulizija v. Abdul Hamed Tlass et", deciza 12 ta' Frar 2008, per Onor. Prim. Imhallef V. De Gaetano

[3] Deciza nhar id-9 ta' Gunju, 2005 per Onor. Imhallef J. Galea Debono

Illi in linea generali jibda biex jinghad li **"l-piena m'ghandiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."**[4]

Illi fl-umli fehma tal-appellant, tenut kont ic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, il-piena mposta fuqu ma hijiex wahda ekwa u gusta ghal kaz odjern u b'hekk timmerita temperament. Jinghad ukoll li filwaqt li l-gudikant, fil-ghoti tal-piena ghandu jiehu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta' u tar-reazzjoni tal-istess socjeta', madanakollu l-gudikant mhux qieghed hemm biex jissodisfa l-ghajta tal-pubbliku in generali. Kif sostna Lord Justice Lawton fil-kaz "R v Sargeant"[5]:

**"Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they must not disregard it. Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion."**

Fil-fatt, l-appellant isostni illi l-piena karcerarja nflitta fuqu, tenut kont it-tipologija u s-severita' tar-reat, kienet wisq harxa.

Il-jurista Kenny fil-ktieb tieghu *'Outlines of Criminal Law'* jghallem li:

**"As regards the offence, account must be taken: (1) of the greatness or smallness of the evil likely to result from acts of its class; (2) of the facility and difficulty with which it can be committed or, again with which it can be detected; (3) of the frequency or rarity with which, at the particular time concerned, acts of this class are being committed; (4)**

---

[4] Ir-Repubblika ta' Malta vs rene sive Nazzareno Micallef deciza nhar it-28 ta' Novembru, 2006 mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imhallef V. DeGaetano, Onor Imhallef J. A. Filletti u Onor. Imhallef D. Scicluna

[5] (1974) 60 Cr. App. R. 74.

**of the aggravating or extenuating circumstances which accompanied this particular act…**

**As regards the offender himself, account must be taken: (1) of his age, health and sex; (2) of his rank, education, career and disposition; (3) of his motive; (4) of any temptation, or intoxication under the influence thereof he acted; (5) of his susceptibility to punishment…"**

Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Freddie Delia et.'[6] ghamlet referenza ghal dak citat fil-kawza fl-ismijiet 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Basam Mohamed Gaballa Ben Khial':

**"…basta, sintendi, li jkun hemm element ta' proporzjonalita` bejn il-fattispeci partikolari tal-każ u l-piena erogata (ara fdan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-16 ta' Ottubru, 2003 fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta v. Thafer Idris Gaballah Salem)." In fact in Ir-Repubblika ta' Malta v. Thafer Idris Gaballah Salem, it was said: "Ma hemmx dubbju li l-element ta' deterrent, specjalment fil-kaz ta' reati premeditati (a differenza ta' dawk li jigu kommessi "on the spur of the moment") hi konsiderazzjoni legittima li Qorti tista', u hafna drabi ghandha, izzomm quddiem ghajneja fil-għoti tal-piena... S'intendi, hemm dejjem l-element tal-proporzjonalita`: qorti ma tistax, bl-iskuza tad- "deterrent, taghti piena li ma tkunx gustifikata fuq il-fatti li jirrizultaw mill-provi."**

L-ewwel Onorabbli Qorti ggustifikat l-impozizzjoni tal-piena billi ghamlet referenza ghall-fedina penali tal-appellant. Madanakollu l-Qrati taghna f'diversi sentenza fosthom dik tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Fawzi El Majri[7] ddecidew illi:

**"ikkunsidrat ukoll il-fatt li huwa kkoopera b'mod inkonswet mal-Pulizija fis-sens illi li kieku ma kienx hu li ndika lill-Pulizja li kien wettaq in-numru konsiderevoli ta' serqiet li bihom jinsab akkuzat fil-proceduri odjerni, kien ikun aktar difficli ghall-Pulizija**

---

[6] Deciza nhar it-28 ta' Ottubru, 2014 per Onor. Msg. M. Hayman

[7] Deciza nhar id-29 ta' Settembru, 2010 per Onor. Imhallef D. Scicluna

**sabiex issolvi dawn il-kazijiet, u kkunsidrat ukoll ir-rakkomandazzjoni moghtija mill-probation officer Antonella Spagnol li l-imputat ghandu jinghata piena karcerarja sospiza. Il-Qorti kkunsidrat ukoll il-fatt li l-imputat ghandu problema ta' abbuz mid-droga liema problema huwa jixtieq jeghleb u hadet in konsiderazzjoni dak li xehdu z-zewg xhieda prodotti mid-difiza dwar il-karattru affidabbli tal-imputat. Il-Qorti izda kkunsidrat ukoll in-numru impressjonanti ta' serqiet, tlieta u ghoxrin wahda, effettwati f'perijodu ta' sena u ghaxar xhur, u jidhrilha li jkun fl-ahjar interess kemm tal-imputat kif ukoll tas-socjeta` in generali li l-imputat jinghata piena karcerarja effettiva, anki jekk fil-minimum imponibbli."** (sottolinear tal-esponenti)

Fid-dawl tat-tipologija tal-kaz odjern, il-*buon sens* jissuggerixxi illi l-ewwel Qorti kellha tqieghed diversi cirkustanzi fil-kfief tal-mizien ghall-fini ta' piena. L-ewwel Onorabbli Qorti kellha tikkunsidra diversi cirkustanzi fosthom il-mod u l-mottiv wara l-involviment tal-esponenti fir-reati inv kwistjoni, l-ammissjoni bikrija tal-appellanti, l-aspett riformattiv tas-sistema gudizzjarja taghna, jekk l-esponenti ghamilx tajjeb ghall-hsara minnu kkagunata kif ukoll il-koperazzjoni tal-esponenti mal-awtoritajjiet koncernati.

***c.2 Applikazzjoni ta' ligi***

Bid-dovutt rispett, l-ewwel Qorti naqset milli tapplika dritt moghti bil-ligi lill-esponenti in kwantu jirrigwardjaw l-akkuzi ta' hsara volontarja. Huwa palesi li tali hsara kienet mezz ghal fini tar-reat ta' serq u ghalhekk l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha *ex lege di sua sponte* tapplika d-disposizzjonijiet tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-fatt li l-Qorti tal-Magistrati ma kkwotatx tali artikolu fil-parti deciziva taghha, tfisser li tali artikolu ma giex applikat a favur tal-esponenti. B'hekk dan il-fattur wahdu diga huwa sufficjenti sabiex ikun hemm temperament fil-piena mposta.

In sostenn tas-suespost, l-esponenti jaghmel referenza ghas-sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Pierre Buttigieg'[8] fejn il-Qorti sostniet:

**"Pero' din il-Qorti tinnota li fis-sentenza appellata ma jidhirx li ttiehed rigward tal-fatt li r-reat taht it-tieni imputazzjoni, cioe' dak ta' danni volontarji kagjonati mil-isgassi esterni w interni li saru, kienu servew bhala mezz ghall-fini biex seta' jigi kommess ir-reat ta' serq aggravat. Di fatti ma saret ebda referenza ghall-artikolu 17 (h) u ghalhekk din il-Qorti tifhem li fis-sentenza appellata nghatat piena kumulattiva w komplessiva ghaz-zewg reati f'daqqa. Invece, l-artikolu 17 (h) tal-Kodici Krminali jiddisponi li meta zewg reati jew izjed iservu bhal mezz biex isir reat iehor, sew ikkwalifikat jew semplici, ghandha tinghata l-piena ghar-reat l-aktar gravi. Ghalhekk minnhabba dan in-nuqqas jidher li hemm lok ghal certu temperament fil-piena. "**

***c.3 Principji ta' Kalibrar***

**c.3.a L-ammissjoni bikrija tal-esponenti**

L-esponenti nstab hati illi huwa wettaq tali reati bejn ix-xhur ta' Dicembru 2016 u Jannar 2017 tant hu hekk illi t-tmien imputazzjoni hekk if dedotta kontra l-esponenti tikellem fuq serq illi sehh nhar il-11 ta' Jannar, 2017. L-appellant fis-seduta ta' nhar il-15 ta' Jannar 2017, ossia erbat ijiem biss wara dan is-serq, irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha hekk kif migjuba kontra tieghu, cioe` nhar il-presentata. Ghaldaqstant, indubjament, tali ammissjoni hija wahda bikrija u qieghed jigi sottomess li l-ewwel Qorti messha hadet dan il-fattur in konsiderazzjoni, ai fini ta' kalibrar tal-piena

L-esponenti jifhem u japprezza l-fatt li tali ammissjoni bikrija u l-fatt illi hu ammetta l-involviment tieghu f'dawn ir-reati ma jehilsux awtomatikament mill-kastig li timponi l-ligi, madanakollu l-esponenti jaghmel referenza ghad-decizjoni ta' din il-

[8] Deciza nhar is-17 ta' Settembru,2008 per Onor. Imhallef J. Galea Debono

Qorti fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Emmanuel Testa'[9]. F'dik is-sentenza, il-Qorti rriproduciet il-bran segwenti mill-Blackstone's Criminal Practice[10]:

**"Although this principle [that the length of a prison sentence is normally reduced in the light of a plea of guilty] is very well established , the extent of the appropriate "discount" has never been fixed. In Buffery ( [1992] 14 Cr. App. R. (S) 511) Lord Taylor CJ indicated that "something in the order of one-third would very often be an appropriate discount", but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea. In determining the extent of the discount the court may have regard to the strength of the case against the offender."**

Ghalkemm l-appellant jifhem u hu konxju mill-gurispridenza applikabbli fejn si tratta ta' ammissjoni, ossia li min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita' tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha, madanakollu dan ma jfissirx li din il-Qorti ma tidholx f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha, inkluza l-ammissjoni bikrija tal-esponenti, biex tara jekk il-piena nflitta mill-ewwel Onorabbli Qorti ma kienitx eccesiva jew le. F'dan ir-rigward, l-esponenti jaghmel referenza ghal sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet, "Il-Pulizija vs Maria Mallia"[11] fejn kien gie kkunsidrat li:

**"…jidher illi l-Ewwel Qorti b'ghaqal u cirkospezzjoni fittxet sabiex holqot bilanc bejn il-beneficcju li ghandu jinghata lill-persuna akkuzata meta ikun hemm ammissjoni bikrija"**

**c.3.b L-aspett riformattiv tas-sistema gudizzjarja taghna**

Qieghed jigi sottomess bir-rispett li fost dak li kellha tikkunsidra l-ewwel Qorti kien jekk kienux jezistu cirkostanzi [li effettivament kollox jindika li kienu jezistu] li jimmeritaw illi l-piena tkun wahda riformattiva u mhux punittiva, iktar u iktar meta

---

9 Deciza nhar is-17 ta' Lulju, 2002 per Onor. Imhallef V. De Gaetano

10 Blackstone Press Limited – 2001 edition

11 Deciza nhar it-30 ta' Novembru, 2016 per Onor. Imhallef E. Grima

illum is-sistema ta' gustizzja penali hija wahda li qed timmira iktar lejn ir-riforma tal-hati milli lejn il-kundanna tieghu ghaliex kif gie ripetutament ritenut mill-Qrati taghna, l-piena li ghandha tigi erogata ghandha tkun wahda adattata, aktar ghal persuna tal-hati milli ghar-reat kommess minnu.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawzi fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Stephen Spiteri'[12] sostniet illi:

**"Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta', izjed u izjed din il-piena karceraja tidher inadatta. Infatti, permezz taghha, tifel ta' kondotta sa issa tajba, u li diga', bil-fatti, wera soghba tar-reat li ghamel, ser jinxtehet ghal soggorn ma' nies li fil-maggjoranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli. B'hekk minflok jigi riformat, hemm il-possibilta' illi huwa jiehu lezzjonijiet fid-delinkwenza ... tara illi huwa opportun illi inehhi l-impressjoni illi l-iskop tal-ligi kriminali u tal-piena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi 'crime does not pay'. Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero llum il-kuncett m'huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac- cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi nformat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t- triq it-tajba"**

Kif jinghad fis-sentenza appellata, l-esponenti ghandu fedina penali "kkulurita u refrettarja" u mhux l-ewwel darba li kien ikkastigat permezz ta' perjodu ta' prigunerija effettiva, madanakollu jidher bic-car illi dawn is-sentenzi ma kellhom l-ebda effett ta' riforma jew deterrent fuq l-appellant, tant hu hekk illi huwa, minkejja kollox, spicca rega seraq biex ikun jista' jiffinanzja l-vizzju tad-droga. Ghaldaqstant l-ewwel Onorabbli Qorti, kellha tikkunsidra l-fatt li tali piena probabbilment mhux ser tindirizza l-aspett riformattiv tas-sistema gudizzjarja nostrana.

---

[12] Deciza nhar it-22 ta' Settembru, 2013

Jigi mfakkar kif il-*Pre-Sentencing Report* imhejji mill-*Probation Officers* Rona Custo' u Saviour Lia datat l-1 ta' Marzu, 2017 sostnew li **"is-sitwazzjoni prezenti titlob li sabiex Carmelo Ciranna jindirizza l-problemi tieghu, hu jrid jkun f'ambjent kontrollat."** Ghaldaqstant l-ufficjali tal-probation gharrfu li l-esponenti kapaci jikkontrolla l-vizzju li hakkmu ghal dawn l-ahhar snin kemm-il darba l-appellanti jinghata cans iehor u jaghraf jahtaf l-opportunita' u jirreintegra ruhu fis-socjeta' fil-waqt li jitbieghed mill-vizzju.

Di piu' l-esponenti jaghmel referenza ghad-'*dissertation'* ta' Sharlet Fabri ntitolata "For Better or for Worse: Is Drug Rehabilitation the Case at the Corradino Correctional Facility?"[13] fejn Fabri intervistat numru ta' persuni li servew sentenza ta' prigunerija effettiva gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u li matul tali perjodu ghamlu uzu minn drogi. Fabri tikteb:

**"The student respondents were provided with two statements claiming that it is hard both to bring and to access drugs in prison. While five were not sure whether it is hard to bring in drugs at the Corradino Correctional Facility, eight strongly/disagreed with the statement, hence implying that such a manoeuvre is not quite difficult to carry out. Correspondingly, four were not sure how hard it is to access drugs in prison, while nine students strongly/disagreed that drugs are hard to be accessed. This means that the majority perceive drugs in prison to be mainstreamed.**

**Such perceptions were proved right by the answers gathered from the deviant respondents, out of whom ten said that it is easy. However, they claimed that it is easier to access drugs rather than to bring them in. They also asserted that finances play an important role since only money will incentivise people to risk in bringing them inside, while it is also very expensive to buy from other fellow prisoners. Some quotes the interviewer came across were:**

- **"Facli ddaħħal u facli li ssib tiehu. Hafna ukoll."**

---

[13] Fabri, Sharlet. "For Better Or For Worse: Is Drug Rehabilitation The Case At The Corradino Correctional Facility?"". Degree of Bachelor of Arts (Honours) in Sociology. University of Malta, 2011

- **“M’hemmx ghalfejn iddahhal inti, idahlulek. Id-droga qatt m’hi se tispicca gol-habs, zgur. Jaghmlu x’jaghmlu ghalxejn. Ghax inti trid tqis li hemm 600 u xi haga, tista’ tlahhaq ma’ 600 mohh? Meta dawn kulhadd ghamel il-hazin? Hemm min mohhu jtih hemm gew.”**
- **“Il-hin kollu hdejk ha tkun.” “**

Tenut kont tas-suespost, kif ukoll fid-dawl ta’ dak li tghallem din l-Onorabbli Qorti, *passim* is-sentenzi *supra* riferiti, l-appellanti bir-ragun jistaqsi:

1. Ghalfejn fil-kaz tieghu l-Ewwel Qorti emmnet illi fid-dawl tac-cirkostanzi odjerni, piena ta’ sebgha snin prigunerija effettiva hija wahda adekwata u gusta meta l-veru skop tas-sistema gudizzjarja taghna huwa wiehed riformattiv?
2. Il-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin ser tghinu biex jindirizza l-vizzju tad-droga jew inkella tali facilita’ mhux ser isservi bhala “ambjent kontrollat” fejn huwa jkun jista’ jindirizza l-vizzju li kissirlu hajtu?

Ghaldaqstant l-esponenti jemmen illi l-piena nflitta mill-ewwel Onorabbli Qorti kemm fil-kwalita` taghha, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita`, ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accennat u accettat, fil-kuncett ta’ gudizzja kriminali fiz-zminijiet ta’ llum.

**c.3.c Il-mottiv wara s-serqiet in kwistjoni**

L-esponenti jifhem li min isofri mil-problema tad-droga ghandu jipprova jikkura ruhu u jfittex l-ghajnuna biex isolvi tali problema. Il-vizzju ta’ dak li jkun ma jintitolahx jaghmel hsara lil haddiehor madanakollu l-esponenti jistqarr li tali serqiet dejjem sehhew f’mument fejn il-piz tal-vizzju tieghu tant ikun tqil li ma jkunx jista’ jissaportih iktar u sussegwentament jgeghlu jaghmel dak li ma jridx.

Fil-fatt l-esponenti jista’ facilment jirrelata ma’ dak li stqarr Eric Patterson:

**“Lastly, addicted people frequently value obtaining their drugs above all else. Because obtaining drugs is the highest priority to an addict, financial troubles**

**are inevitable, and many people eventually resort to stealing and other criminal activity to obtain resources to purchase drugs."**[14]

L-esponenti jemmen li in kwantu tal-piena, hekk kif gara f'sentenzi u decizjonijiet precidenti[15], l-ewwel Onorabbli Qorti kellha tiehu in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li kien akkuzat bihom l-esponenti kif ukoll tal-fatt li l-appellanti huwa mahkum mill-vizzju tad-droga u li r-reati saru biex ikun f'posizzjoni li jkompli jiffinanzja dan il-vizzju.

Fid-dawl tas-su espost, l-esponenti jaghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Alexander Cardona'[16] fejn il-Qorti sostniet:

**"Il-vizzju tad-droga jsolvih billi jaghmel programm ta' rijabilitazzjoni u jimpenja ruhu bis-serjeta li jibqa jsegwih u wara li jlestih b'success jibqa' sod sabiex jinfatam darba ghal dejjem minn dan il-vizzju u mhux billi jmur jisraq lill-haddiehor biex ikollu l-flus biex jissodisfa l-"habit" tieghu li jkun hakmu."**

**c.3.d Il-Koperazzjoni tal-esponenti**

Kif inhu kkonfermat ukoll fis-sentenza appellata, fil-mori ta' dawn il-proceduri, l-esponenti kkopera bis-shih mal-awtoritjiet ikkoncernati tant hu hekk illi pprometta li jghin lill-pulizija sabiex tigi rkuprata l-kumplament tarr-*res furtiva*.

Fid-dawl ta' din il-koperazzjoni tal-appellanti, qed issir referenza ghall-opinjoni tal-Imhallef Emeritus Lawrence Quintano fejn fis-sentenza ta' Camilleri vs Malta[17] ddikjara li fil-prattika l-Qrati taghna xorta jistghu jmorru taht il-minimu preskritt. Fil-fatt huwa stqarr li l-Qrati tal-Magistrati taghna spiss imorru taht il-minimu preskritt

---

[14] http://drugabuse.com/library/drug-abuse-problems/

[15] Vide Il-Pulizija vs Stefano Montebello deciza nhar l-20 ta' Frar, 2017 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Onor. Mag. D. m. Frendo Dimech

[16] Deciza nhar is-6 t' Awwissu, 2014 per Onor. Mag. A. Bugeja

[17] App no. 42931/10 (ECtHR, 27 May 2013)

mil-ligi wara li jittiehdu in konsiderazzjoni diversi fatturi fosthom l-ammissjoni bikrija tal-imputat kif ukoll il-kooperazzjoni tal-akkuzat mal-awtoritajiet. [18]

Ghaldaqstant l-esponenti jemmen li tali koperazzjoni kellha tkun riflessa fil-piena hekk kif inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti.

**c.3.e Ir-Restituzzjoni tar-Res Furtiva**

Ghall-fini ta' piena, l-ewwel Onorabbli Qorti kellha tikkunsidra l-fatt illi ammont sustanzjali tar-*res furtiva*, ossia iktar minn €40,000, gew ritornati lis-sidien rispettiv taghhom. L-appellanti jhoss illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma tatx l-importanza misthoqqa fir-rigward tar-restituzzjoni tal-oggetti misruqa, liema restituzzjoni hija dedotta mill-provi u kkonfermata fil-mori ta' dawn il-proceduri quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti.
L-Artikolu 337(2)(b)(i) u 337(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jordna li:

*(2) Fil-kaz ta' serq, sew jekk semplici sew ikkwalifikat, kif ukoll reat ta' hsara volontarja lil proprjetà li jsir filwaqt li jkun qed isir ir-reat ta' serq, il-piena stabbilita titnaqqas b'zewg gradi kemm-il darba, qabel ma jitressaq quddiem il-qorti f'konnessjonima' dak is-serq:*

*(b) (i) jew jikkonsenja lill-awtorità kompetenti l-proprjetà kollha misruqa minnu, u jrodd lill-offiz kull hsara li setghet tkun giet ikkagunata lill-proprjetà,*

*(3) Il-piena stabbilita fil-kaz tar-reati msemmija fis-subartikolu (2) tista' titnaqqas bi grad jekk il-hati jhares id-disposizzjonijiet ta'dak is-subartikolu wara li jitressaq quddiem il-qorti kif hawn aktar qabel imsemmi.*

---

[18] Vide Text to ch 3, s 3.4

Din l-Onorabbli Qorti, fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Carmelo Innorcia'[19] il-interpretat u applikat dan l-artikolu billi sostniet li:

**"L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li kienet tat opportunita` lill-appellant biex jirrestitwixxi parti mir-refurtiva "sabiex din tigi riflessa fil-piena". Sfortunatament dan ma sehhx u l-ewwel Qorti interpretat dan bhala li l-appellant (allura imputat) "ma jridx jaghmel sforz biex isewwi l-hsara li ghamel lil haddiehor u lilu nnifsu.**

**Quddiem din il-Qorti d-difensur ta' l-appellant qal li l-perijodu li nghata mill-ewwel Qorti kien qasir wisq biex l-appellant ikun jista' jgib flus minghand il-familjari tieghu sabiex jibda jhallas. Pero` din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax li mid-data tas-sentenza sad-data tas-smigh tal-appell ghaddew ftit aktar minn hames xhur u xorta ma irrizultax li saru xi pagamenti lill-vittmi."**

*Multo magis*, galadarba, ma hagra t-tajn, l-esponenti meta kienu ghadu taht arrest ghen u wassal sabiex ir-res furtiva giet ritornata lura bis-shih ghal uhud mis-serqiet, l-ewwel Onorabbli Qorti kellha l-obbligu legali li tapplika l-artikolu 337 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta favur tieghu u b'hekk kellha tkun riflessa fil-piena fuqu mposta.

Il-fatt li l-Ewwel Qorti naqset milli ssemmi l-artikolu 337 fil-parti td-decide taghha, tfisser li dan id-dritt moghti bil-ligi lill-esponenti ma nghatalux u kwindi fuq dan il-fattur biss jehtieg li jkun hemm temperament tal-piena.[20]

**c.3.f Konkluzjoni**

Ghaldaqstant l-esponenti jemmen li fid-dawl ta' dawn il-fatturi kollha, hekk kif *supra* dedotti, dawn kollha kellhom jittiehdu in kunsiderazzjoni stante li kollha kemm huma jimmilitaw favur l-esponenti, ai fini ta' kalibrar tal-piena.

---

[19] Deciza nhar il-31 ta' lulju, 2009 per Onor. Imhallef D. Scicluna

[20] Vide,passim. Il-Pulizija vs Ian Abela Fitzpatrick

L-appellant jemmen li l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tiehu in konsiderazzjoni is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet “Il- Pulizija vs George Farrugia”[21] datata 18 ta’ Jannar 2001 fejn dik il-Qorti kienet innutat li anke fil-kaz ta’ persuna ta’ eta` mhux zghira u li forsi hija recidiva [bhal fil-kaz odjern], tista’ titfacca fil-hajja ta’ dik il- persuna “a window of opportunity” li permezz taghha ikun jista’ jinkiser ic-ciklu ta’ kundanni u ta’ prigunerija.[22]

L-esponenti jaghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Gudikatura Kriminali, f’kaz simili fejn il-mottiv wara tali reati kien il-vizzju tad-droga, fl-ismijiet ‘Il-Pulizija vs Stephen Urry’[23] stqarret:

**“F’dan il-kaz, din il-Qorti mhix konvinta li jekk l-imputat jerga jigi kundannat ghal piena karcerarja ohra fuq reati li huwa ammetta ghalihom u li sehhew aktar minn sitt snin wara li gew kommessi, sejjer ikun qieghed imur ghall-ahjar f’hajtu. Il-Qorti jidhrilha li issa wasal iz- zmien tat-test veru kemm l-imputat irriforma ruhu fil-Facilita Korrettiva ta’ Kordin wara li skonta sentenza ta’ prigunerija twila u wasal it-test tieghu biex juri kemm verament irid li jirriforma ruhu, bl-ghajnuna ta’ nies professjonali bhal Social Workers u Psikologi. Stando fuq dak li xehed Mike Orland jidher li ghall-imputat ghad hemm tama li b’ghajnuna professjonali, ikun jista jghix hajja normali l-boghod minn kriminalita.**

**Wara li qieset bir-reqqa dak kollu mistqarr aktar il-fuq, bhall-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz Hatherly, din il-Qorti lesta li tiehu r-riskju u li minflok terga tikkundanna lill-imputat ghal piena ohra ta’ prigunerija, bi hsiebha li tqeghdu taht ordni ta’ probation bl-obbligu li l-imputat jigi segwit barra l-konfini tal-Facilita Korrettiva ta’ Kordin, fejn donnu ma kien tghallem xejn, minkejja li**

[21] Per Onor. Imhallef V. DeGaetano

[22] Vide ‘Il-Pulizija vs Rittmar Hatherly’ deciza nhar id-9 ta’ Ottubru, 2008 mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imhallef V. DeGaetano

[23] Deciza nhar l-24 ta’ Marzu, 2014 per Onor. Mag. A. Bugeja

**kien residenti hemmhekk ghal diversi drabi. Lesta li tara jekk verament l-imputat inbidilx jew irid jinbidel ghall-ahjar, iqum fuq saqajh u jghix ta' nies, bhal nies.**

**Il-Qorti wissiet lill-imputat li din id-decizjoni li jibdel hajtu tehtieg impenn serju minn naha tieghu stess billi jsegwi l-ordinijiet kollha li jkunu imposti fuqu mill-Ufficjal tal-Probation. Naturalment issa jispetta lill-imputat jaghraf juza tajjeb din l-opportunita. Fin-nuqqas issa ma jkollu ebda skuza li ma inghatatx il-possibbilita mill-Qrati li jqum fuq saqajh u jhares il- quddiem ghall-gid tieghu u tal-familjari tieghu. Il-konsegwenzi ta' eghmilu minn issa l- quddiem jafhom kollha u jaf issa x'ghandu jistenna mill-Qrati jekk jerga jiddelinkwi."**

## D. Dwar l-Ordni ta' Ripatrijazzjoni

Bl-akbar dovut rispett lejn l-Ewwel Qorti, min issa in sostenn ta' dan l-aggravju ser issir referenza ghad-Direttiva 2004/38/KE[24] .

Illi skont l-artikolu 24 ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tghid li, ic-"**cittadini li jkunu qed jghixu skont din id-direttiva ghandhom igawdu trattament ugwali bhac-cittadini ta' dak l-Istat Membru**." Ghaldaqstant, l-ewwel Qorti ma kelliex tirreferi ghal cittadini Ewropej li jinsabu gewwa gziritna bhall-esponenti, bhala "mistednin".

Id-Direttiva tikkonferixxi kull cittadin ta' l-Unjoni, dritt li jiccaqlaq u jghix liberament fit-territorju tal-Istati Membri tal-Unjoni, u dan in linea ma' wiehed mill-principju ewlieni li jsawru l-Unjoni ossia dak tal-moviment liberu tal-persuni fis-suq intern. Illi minkejja li dan id-dritt jista' jigi ristrett mill-Istati Membri tal-Unjoni f'cirkostanzi ta' politika pubblika, sigurta pubblika jew sahha pubblika, dawn ir-restrizzjonijiet ghandhom jigi interpretati b'mod ristrett u skont il-ligi.

---

[24] Id-dispozizzjonijiet ta′ din id-direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill gew implimentati permezz tal-artikolu 1(e) tal-Ligi Sussidjarja 460.17.

Dwar ir-restrizzjonijiet ta' dan id-dritt, ex lege, sine qua non wiehed jrid jsegwi t-tghalim tal-Qorti Ewropea tal-Gustizzja. F'dan il-kaz wiehed jrid jara l-kaz, "Ministerul Administratiei si Internelor – Directia Generala de Pasapoarte Bucuresti v Gheorghe Jipa (C-33/07)"[25] fejn il-Qorti Ewropea tishaqq,

**"In that respect, the Court has always pointed out that, while Member States essentially retain the freedom to determine the requirements of public policy and public security in accordance with their national needs, which can vary from one Member State to another and from one era to another, the fact still remains that, in the Community context and particularly as justification for a derogation from the fundamental principle of free movement of persons, those requirements must be interpreted strictly, so that their scope cannot be determined unilaterally by each Member State without any control by the Community institutions (see, to that effect, Case 36/75 Rutili [1975] ECR 1219, paragraphs 26 and 27; Case 30/77 Bouchereau [1977] ECR 1999, paragraphs 33 and 34; Case C-54/99 Église de scientologie [2000] ECR I-1335, paragraph 17; and Case C-36/02 Omega [2004] ECR I-9609, paragraphs 30 and 31). The Court's case-law has accordingly made it clear that the concept of public policy presupposes, in any event, the existence, in addition to the perturbation of the social order which any infringement of the law involves, of a genuine, present and sufficiently serious threat to one of the fundamental interests of society (see, for example, Rutili, paragraph 28; Bouchereau, paragraph 35; and Joined Cases C-482/01 and C-493/01 Orfanopoulos and Oliveri [2004] ECR I-5257, paragraph 66)."**

Di piu', il-Kummissjoni Ewropea permezz tal-komunikazzjoni taghha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill Tal-Ewropea[26] , hejjiet linji gwida ghat-traspozzizzjoni u applikazzjoni ahjar ta' din l-imsemmija Direttiva fejn spjegat il-kuncett ta' sigurta pubblika u politika pubblika. Fil-fatt, f'dawn il-linji gwida l-Kummissjoni rigward politika pubblika qalet:

---

[25] Deciza nhar l-10 ta' Lulju, 2008

[26] Komunikazzjoni Mill-Kummissjoni Lill-Parlament Ewropew U Lill-Kunsill dwar gwida għal traspożizzjoni u applikazzjoni aħjar tad-Direttiva 2004/38/KE dwar id- drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

**"Theddida li hija biss presunta ma titqiesx genwina. It-theddida trid tkun prezenti. L-imgieba passata tista' titqies biss meta jkun hemm il-probabbiltà ta' ripetizzjoni tal-offiż[27]. It-theddida trid tkun tezisti fil-mument meta tkun adottata l-miżura restrittiva mill-awtoritajiet nazzjonali jew inkella meta tkun eżaminata mill-qrati[28]. Is-sospensjoni ta' sentenza tikkostitwixxi fattur importanti fl-evalwazzjoni tat-theddida peress li tindika li l-individwu kkonċernat m'ghadux jitqies bhala periklu reali."**

Tali linji gwida jitkellmu wkoll dwar l-istanzi ta' tkeccija awtomika:

**"Il-ligi tal-Komunità teskudi l-adozzjoni ta' mizuri restrittivi fuq bazi preventiva generali. Il-mizuri restrittivi jridu jkunu bbazati fuq theddida konkreta u ma jistghux jigu ggustifikati semplicement b'riskju generali. Il-mizuri restrittivi bhala rizultat ta' sentenza kriminali ma jistghux ikunu awtomatici u jridu jiehdu kont tal-imgieba personali ta' min jaghmel l-offiza u tat-theddida li hija tirrapprezenta ghar-rekwiziti ta' politika pubblika. Ma jistghux jingiebu ragunijiet li mhumiex ta' mgieba personali ta' individwu. Tkeccijiet awtomatici mhumiex permessi b'din id-Direttiva."**

Fil-fatt sabiex it-tkeccija mill-Istati Membri ma tkunx wahda awtomatika, id-Direttiva, kif ukoll il-linji gwida jipprovdu fatturi li jridu jittiehdu in konsiderazzjoni mill-Istati Membri qabel tali tkeccija. Tali fatturi jinkludu: in-natura tar-reati, kemm-il darba saru, kif ukoll il-hsara u d-danni li kkawzaw. Dan jidher ukoll fir-rinviju preliminari fil-kaz Donatella Calfa C-348/98, datata 19 ta' Jannar 1999, fejn il-Qorti sostniet:

**"…Under the Court's case-law, the concept of public policy may be relied upon in the event of a genuine and sufficiently serious threat to the requirements of public policy affecting one of the fundamental interests of society (see Case 30/77 Bouchereau [1977] ECR 1999, paragraph 35).**

---

[27] Il-Kawża 30/77 Bouchereau (para. 25-30)

[28] Il-Kawzi C-482/01 u C-493/01 Orfanopoulos u Olivieri (para 82)

**In this respect, it must be accepted that a Member State may consider that the use of drugs constitutes a danger for society such as to justify special measures against foreign nationals who contravene its laws on drugs, in order to maintain public order. However, as the Court has repeatedly stated, the public policy exception, like all derogations from a fundamental principle of the Treaty, must be interpreted restrictively.**
**In that regard, Directive 64/221, Article 1(1) of which provides that the directive is to apply to inter alia any national of a Member State who travels to another Member State as a recipient of services, sets certain limits on the right of Member States to expel foreign nationals on the grounds of public policy. Article 3 of that directive states that measures taken on grounds of public policy or of public security that have the effect of restricting the residence of a national of another Member State must be based exclusively on the personal conduct of the individual concerned. In addition, previous criminal convictions cannot in themselves constitute grounds for the taking of such measures…**

**In the present case, the legislation at issue in the main proceedings requires nationals of other Member States found guilty, on the national territory in which that legislation applies, of an offence under the drugs laws, to be expelled for life from that territory, unless compelling reasons, in particular family reasons, justify their continued residence in the country. The penalty can be revoked only by a decision taken at the discretion of the Minister for Justice after a period of three years.**

**Therefore, expulsion for life automatically follows a criminal conviction, without any account being taken of the personal conduct of the offender or of the danger which that person represents for the requirements of public policy.**
**It follows that the conditions for the application of the public policy exception provided for in Directive 64/221, as interpreted by the Court of Justice, are not fulfilled and that the public policy exception cannot be successfully relied upon to justify a restriction on the freedom to provide services, such as that imposed by the legislation at issue in the main proceedings. "**

Fil-kaz odjern, l-Ewwel Qorti kecciet lill-esponenti minn Malta u ordnat, jkun ripatrijat lura lejn l-Italja, skont kif provdut fl-artikolu 5(2)(a)(d) tal–Kap 217 l-Att dwar l-Immigrazzjoni. Ai fini ta' kjarezza l-artikolu 5(2)(a) u (d) qieghdin jigu riportati *verbatim* u *in toto*:

**"(2) Anke jekk tkun nizlet l-art jew tkun f'Malta bil-permess tal- Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni jew tkun ingħatat permess għal residenza, persuna tkun, kemm-il darba ma tkunx ezentata taħt dan l-Att minn xi waħda minn dawn il-kondizzjonijiet li gejjin jew ikunu japplikaw dwaru regoli specjali taħt id- disposizzjonijet ta' qabel ta' dan l-Att, immigrant projbit ukoll -**

**(a) jekk ma tkunx tista' turi illi għandha l-mezzi biex tmantni lilha nnifisha u lid-dipendenti tagħha (jekk ikollha) jew jekk ikun hemm probabbilta li hi jew xi ħadd mid-dipendenti tagħha ser ikunu ta' spiza għal kariga tal-fond pubbliku; jew**

**…**

**(d) jekk tinstab ħatja minn qorti ta' gurisdizzjoni kriminali f'Malta ta' reat kontra xi waħda mid-disposizzjonijiet tal- Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerc fil-Prostituzzjoni jew tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi jew ta' xi delitt, minbarra omicidju involontarju jew offiza involontarja fuq il-persuna, li fil-kaz tal-ewwel delitt ikun kommess minn dik il- persuna suggett għal piena ta' prigunerija għal zmien ta' mhux anqas minn sena jew, fil-kaz tat-tieni delitt jew delitt sussegwenti kommess mill-istess persuna, ikun suggett għal piena ta' prigunerija għal zmien ta' mhux anqas minn tliet xhur;"**

In *poce parole*, meta persuna tissoddisfa r-reati li jigu msemmija fl-artikolu 5(2)(d) tal-Kap 217, ai termini ta' dan l-artikolu, il-persuna tkun tista tigi mkecca b'mod awtomatikament. Illi tenut kont ta' suespost, johrog bic-car in-nuqqas ta' osservanza ta' skrutinju neccessarju li persuna ghandha tghaddi minnhu sabiex tittiehed tali decizjoni ta' tkeccija, li d-Direttiva tobbliga li jsir mill-Istati Membri taghha.

Fil-kaz odjern huwa car li l-ewwel Qorti naqset milli tezamina lill-esponenti hekk kif inhu rikjest mid-Dirrettiva u dana qabel ma tasal ghal konkluzjoni jekk kienx hemm theddida genwina, attwali u serja bizzejjed li tolqot wiehed mill-interessi fondamentali tas-socjeta, bil-prezenza ta' l-esponent f'Malta. Dan in-nuqqas jwassal sabiex id-dritt Ewropew favur l-esponenti gie lilu lez mil-Qorti tal-Magistrati.

Sabiex tali ordni ta' ripatrijazzjoni setghet issehh skond il-ligi, kien jehtieg li l-ewwel Qorti tevalwa il-principju ta' proporzjonalita fid-dawl tac-cirkostanzi tal-kaz *de quo*, ossia l-grad

ta' periklu pubbliku, in-natura tar-reat, iz-zmien bejn reat u iehor kif ukoll l-imgieba tal-esponenti.

Aparti dan il-principju ta' proporzjonalita, il-Qorti kellha tanalizza ukoll u tiehu in konsiderazzjoni r-rabtiet familjari li l-esponent ghandu gewwa Malta. Dan ghaliex ir-ripatrijazzjoni taffetwa mhux lill-esponent innifsu biss izda ukoll il-membri kollha tal-familja tieghu ossia Isaac[29], Jeremiah[30] u Emanuele[31] (fejn Isaac huwa maggorenni filwaqt Jeremiah u Emanuele ghadhom minorenni). Dan l-analizi huwa rikjest bl-artikolu 28(1) tad-Direttiva. Referenza issir ghal linja gwida, fejn din tkompli tespandi dan il-punt fejn tirreferi ghal fatturi li jridu jigi analizzati[32]:

**"Impact of expulsion on the economic, personal and family life of the individual (including on other family members who would have the right to remain in the host Member State);**

**The seriousness of the difficulties which the spouse/partner and any of their children riskfacing in the country of origin of the person concerned;**

**Strength of ties (relatives, visits, language skills) – or lack of ties – with the Member State of origin and with the host Member State (for example, the person concerned was born in the host Member State or lived there from an early age);**

**length of residence in the host Member State (the situation of a tourist is different from the situation of someone who has lived for many years in the host Member State);**

**age and state of health."**

---

29 Imwieled fit-8 ta' Ottubru1999

30 Imwieled fis-6 ta' Jannar 2001

31 Imwieled fl-10 ta' Septembru 2010

32 Komunikazzjoni Mill-Kummissjoni Lill-Parlament Ewropew U Lill-Kunsill dwar gwida għal traspożizzjoni u applikazzjoni aħjar tad-Direttiva 2004/38/KE dwar id- drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) pagna 13

Hekk kif gie indikat, l-esponenti ghandhu tlett itfal fejn l-izghar wiehed, Emanuele (dis-sena) ha jghalaq seba' snin. Ma hemmx dubbju li l-impatt li ha jhalli fuq it-tfal tal-esponent minhabba t-tkeccija ta' missierhom, ha tkun wahda ferm kbira u kiefra. Fil-fatt, l-esponenti kien ilu hawn Malta, fejn kien joqghod mal-partner, Rebecca Azzopardi kif ukoll mat-tfal tieghu hawn Malta. Inoltre huwa kien jahdem hawn f'Malta u anka jipposjedi numru tas-sigurta socjali, kif ukoll bhal ma jixhdu l-atti odjerni, l-esponenti minkejja li huwa ta' cittadinanza Taljana, jitkellem bil-Malti tant tajjeb li l-proceduri kontra tieghu saru bil-Malti minghajr il-htiega li jigi ngaggjat interpret. Irrid jigi enfassizat illi ghalkemm l-esponenti zbalja u kkometta dawn ir-reat surriferiti ma jfissirx li huwa ghandhu jigi mkecca minn Malta b'mod kappricozzament u dan ghaliex huwa jqis lil Malta bhala art twelidu minhabba l-familja ossia l-partner u tfal tieghu. Illi minhabba f'hekk ikun hemm it-tkissir tal-familja tal-appellant kif ukoll ikun hemm il-lezzjoni fuq id-drittijiet tal-appellant ai termini tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ossia d-dritt ghar-rispett tal-hajja privata u tal-familja. Ghaldaqstant l-appellant jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex issir referenza konstituzzjonali rigward dan il-punt.

F'dan ir-rigward il-Qorti ma kelliex tiehu in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-esponent. Dan jigi innutat kemm fid-decizjoni b' numru ta' referenza Donatella Calfa C-348/98 suesposta, kif ukoll fl-ispirtu tal-artikolu 27 ta' din l-istess Direttiva li jipprovdi:

**"2. Measures taken on grounds of public policy or public security shall comply with the principle of proportionality and shall be based exclusively on the personal conduct of the individual concerned. Previous criminal convictions shall not in themselves constitute grounds for taking such measures.**

**The personal conduct of the individual concerned must represent a genuine, present and sufficiently serious threat affecting one of the fundamental interests of society. Justifications that are isolated from the particulars of the case or that rely on considerations of general prevention shall not be accepted."**

Nonostante dan kollhu, fil-kaz in ezamina, issir referenza ukoll ghal perjodu ta' zmien li l-esponent ghamel hawn Malta. Fil-fatt, l-esponenti kien ilhu hawn Malta mill-1998. Ghaldaqstant, jekk wiehed inaqqas iz-zmien li l-esponent kien il-habs, jirrizulta li l-esponent kellhu residenza hawn Malta u kellhu kuntatt u konnessjoni mal-kommunita' Maltija ghal

tlettax-il sena shah. B'rizultat ta' dan, awtomatikament jiskatta l-artikolu 28(3) tad-Direttiva fejn tghid:

**"An expulsion decision may not be taken against Union citizens, except if the decision is based on imperative grounds of public security, as defined by Member States, if they:**
**(a) have resided in the host Member State for the previous ten years; or**
**(b) are a minor, except if the expulsion is necessary for the best interests of the child, as provided for in the United Nations Convention on the Rights of the Child of 20 November 1989."**

Ghaldaqstant cittadini tal-Unjoni li jkunu ilhom aktar minn ghaxar snin fi stat membru iehor li ma huwiex l-istat membru ta' nazzjonalita` taghhom, [hekk kif inhu fil-kaz tal-appellant], jistghu jitkeccew mit-territorju ta' domicilju taghhom [f'dan il-kaz Malta], **biss minhabba ragunijiet ta' sigurta pubblika** li ma jistghux jitwarrbu (mhux ragunijiet ta' politika pubblika).

Il-linja gwida fuq dan il-punt jsostnu li jrid jkun hemm distinzjoni cara bejn ragunijiet normali, 'serji' u 'li ma jistghux jitwarrbu' li minħabba fihom l-istat membru jkun jista' jiehu d-decizjoni ta' tkeccija.

Fid-dawl ta' dan, jehtieg li issir referenza ghad-definizzjoni ta' 'sigurta pubblika'. Il-linja gwida jiddefenixxu 'sigurta pubblika' bhala wahda "li tkopri sew is-sigurtà interna kif ukoll esterna fil-linji tal-preservazzjoni tal-integrità tat-territorju ta' Stat Membru u tal-istituzzjonijiet tiegħu." Il-Qorti tal-Magistrati fil-kaz "Il-Pulizija vs Meriam Abdussalam Mouaddea"[33], ghamlet referenza ghad-definizzjoni li tat il-Qorti Ewropea ta' Lussimburgu H. T. V Land Baden-Wurttemberg[34] hekk:
**"However, the Court has already had an opportunity to interpret the concepts of 'public security' and 'public order' contained in Articles 27 and 28 of Directive 2004/38. While that directive pursues different objectives to those pursued by Directive 2004/83 and Member States retain the freedom to determine the requirements of public policy**

---

33 Deciza nhar 17 ta' Jannar 2017 per Mag. Dr. J. Mifsud

34 Deciza nhar l-24 June 2015

**and public security in accordance with their national needs, which can vary from one Member State to another and from one era to another (judgment in I., C-348/09, EU:C:2012:300, paragraph 23 and the case- law cited), the extent of the protection a company intends to afford to its fundamental interests cannot vary depending on the legal status of the person that undermines those interests.**

**Therefore, in order to interpret the concept of 'compelling reasons of national security or public order' contained in Article 24(1) of Directive 2004/83, it should first be taken into account that it has already been held that the concept of 'public security' contained in Article 28(3) of Directive 2004/38 covers both a Member State's internal and external security (see, inter alia, judgment in Tsakouridis, C-145/09, EU:C:2010:708, paragraph 43 and the case-law cited) and that, consequently, a threat to the functioning of the institutions and essential public services and the survival of the population, as well as the risk of a serious disturbance to foreign relations or to peaceful coexistence of nations, or a risk to military interests, may affect public security (judgment in Tsakouridis, C-145/09, EU:C:2010:708, paragraph 44). In addition, the Court has also held, in that context, that the concept of 'imperative grounds of public security' contained in Article28(3) presupposes not only the existence of a threat to public security, but also that such a threat is of a particularly high degree of seriousness, as is reflected by the use of the words 'imperative reasons' (judgment in Tsakouridis, C-145/09, EU:C:2010:708, paragraph 41)…"**

Ghaldaqstant, fid-dawl ta' din id-definizzjoni ta' sigurta pubblika kif ukoll tenut kont illi tali definizzjoni hija imhaddna ukoll mill-Qrati taghna[35] , jemergi bic-car illi l-esponenti ma kienx ta' theddida serja ghas-sigurta` pubblika ta' Malta.

***Preliminary Reference***

Tenut kont tas-suespost, l-esponenti jishaqq li tali ordni ta' ripatrijazzjoni tikser id-dritt Ewropew u jitlob **rinviju preliminari[36]** sabiex ikun hemm kjarifika rigward l-

[35] Vide inter alia Il-Pulizija vs Meriam Abdussalam Mouaddea deciza nhar 17 ta' Jannar 2017 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Onor. Mag. J. Mifsud

interpretazzjoni tad-Direttiva 2004/38 fuq dan ir-rigward, kif ukoll kjarifika jekk l-artikolu 5(2)(a)(d) tal-Kap 217 huwiex in linea mal-istess Direttiva 2004/38.

Permezz ta' dan ir-rinviju preliminari, il- Qorti tal-Gustizzja tal-Komunitajiet Ewropej [ECJ] tkun tista` tikkjarifika l-interpretazzjoni li ghandhom ihaddnu l-istati membri tal-Unjoni Ewropea u jiggarantixxu li l-ligi Ewropea tkun interpretata u applikata b'mod uniformi. Illi permezz ta' dan il-mekkanizmu, dina l-Onorabbli Qorti tkun tista` taghmel l-mistoqsijiet kollha necessarji lil Qorti tal-Gustizzja tal-Komunitajiet Ewropej sabiex dik il-Qorti tkun tista' tipprovdi u ticcara l-interpretazzjoni tal-artikolu 28 tad-Direttiva in kwistjoni, tiddeciedi dwar il-validita` tal-ligi domestika vis-à-vis id-Direttiva in meritu, u taghti dawk l-ordnijiet kollha necessarji, in konnessjoni ma' l-ordni ta' ripatriju.

Tali rinviju preliminari jista' jsir mill-Qrati taghna a bazi u bis-sahha tal-poter lilhom moghti bl-artikolu 19(3)(b) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, kif ukoll bis-sahha tal-artikolu 267 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, hekk kif inkorporati fid-dritt nostran tramite l-artikolu 3 tal-Kap. 460 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fost l-aggravji mressqa mill-appellant hemm dak li l-ewwel Qorti ordnat ir-ripatriazzjoni tal-appellant. Din il-Qorti taqbel perfettament mal-argumenti mressqa ill-appelnnat fir-rikors tieghu u ma hemmx il-htiega li jergghu jigu ripetuti hawnhekk. Minbarra dan jirizulta ampjament lli l-appellant ghandu eghruq sodi ma dan il-pajjiz. Ilu jghix malta ghal dawn l-

---

[36] Bis-sahha ta' l-artikolu 5 tal-Kap. 460 tal-Ligijiet ta' Malta

ahhar tmintax (18) il-sena. Martu hi ta' nazzjonalita' maltija u hu missier ta' tlett itfal. Ghalhekk, f'dawn ic-cirkostanzi hu car li tali ordni ma jistax jibqa fis-sehh.

Illi aggravju iehor ta' l-appellant hu li r-raba' u is-sitt impputazzjoni huma identici. Dan jirrizulta car mill-qari tal-akkuzi migjuba kontra l-imputat u kwalunkwe kumment iehor hu zejjed.

Illi aggravju iehor hu li l-akkuza numru 17 hi alternattiva ghall-akkuzi l-ohra. Mill-atti jirrizulta li l-ewwel Qorti bi zvista ma ghamlitx din id-distinzjoni u ghalhekk tali zvista tista' tohloq dubju dwar il-kalibrar tal-piena.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti qed tilqa l-appell ta' Carmelo Ciranna dwar is-sitt imputazzjoni u thassar u tirrevoka tali imputazzjoni billi r-raba' imputazzjoni hi identika ghas-sitt imputazzjoni. Dwar is-sbatax l-imputazzjoni qed thassar u tirrevoka s-sejbien ta' htija billi din l-imputazzjoni hi alternattiva ghall-imputazzjonijiet kollha tas-serq. Tikkonferma s-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu. Thassar u tirrevoka l-piena nflitta u minflok tikkundanna lill-appellant ghal piena ta' hames snin prigunerija. Tikkonferma dak ordnat mill-ewwel Qorti u cioe' l-kundanna tal-appellant ghal hlas tas-somma €1,239.47 spejjez inkorsi f'dan il-kawza. Fl-ahhar nett, thassar u tirrevoka l-ordni tar-ripatriazzjoni ta' l-appellant.